Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Louise Vella)

vs

Michelle Bugeja

Illum 18 ta' Jannar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l fuq imsemmija imputata Michelle Bugeja, mart Samy Ibrahim u bint Francis Bugeja u Maria mizzewga Chricop nee' Abela, imwielda l-Pieta fit-28 ta Frar, 1980 u ghandha karta tal-identita Nru 176580(M) li permezz taghhom hija giet akkuzata talli :

(a) fil-Marsa nhar l-20 ta' Lulju 1999 ghall-habta ta' l-10.25p.m. attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra P.S. 545 Joseph Refalo, WPS 24 Josephine Gauci u WPC64 Connie Cauchi, persuni inkarigati

skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

(b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq l-persuni ta' PS545 Joseph Refalo, WPS24 Josephine Gauci u WPC64 Connie Cauchi, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzgha jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrifjutat li taghti jew tat falz lill-Ufficjali pubblici isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikolarijiet ohra lill-istess ufficjali tal-Pulizja, waqt li dawn kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

(d) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS 24 Jospehine Gauci skond ma ccertifika Dr. D J Farrugia Reg. No. 2552 tac-Centru tas-Sahha, Floriana;

(e) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi fil-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali;

(f) finalment talli saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-21 ta' Jannar, 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dan waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru, 2001;

Taqta u tiddeciedi li fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha il-Qorti tiddikjara lill-istess imputata **hatja** tal-

imputazzjonijiet kollha kif dedotti u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 95, 96, 338(e), 338(g) u 221(1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputata fuq imsemmija irregistrat ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi ikkooperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni u l-fatt illi meta kienet qed tittehdilha l-istqarrija, hija ammettiet illi fil-fatt kienet ikkommettiet ir-reati in kwistjoni.  Ghaldaqstant il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannaha ghall-prigunerija ta' sitt xhur sospiza ghal sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza, reat iehor punibbli bi pringunerija.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur